MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 839/2011

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Vella Jonathan**
**ID-59684(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u dsatax-il Ewro u sitta u disghin centezmu (€619.96c) in konnessjoni ma' servizz/i ta' komunikazzjoni, numri tal-kont *A/C51049664*, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi l-konvenut qieghed jikkontesta t-talba stante illi huwa m'ghandux ihallas l-ebda ammont lill-attur kif ser jigi pruvat fil-kawza. Il-konvenut qieghed ukoll jikkontesta l-ammont pretiz mill-attur.

Ra n-nota ta' riduzzjoni li giet ipprezentata mis-socjeta' attrici datata 28 ta' Settembru, 2012, li permezz taghha l-ammont reklamat permezz ta' din l-azzjoni gie mnaqqas ghall-ammont ta' hames mija disgha u sittin Ewro u sitta u disghin centezmu (€569.96c).

Semgha x-xhieda, u ha konjizzjoni tad-dokumenti pprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici xehdet illi l-konvenut iffirma skrittura, datata 19 ta' Mejju, 2010, li permezz taghha gie moghti servizz ta' linja fuq it-telephone cellulari tieghu. Illi l-ftehim kien ghal perjodu ta' sentejn, u bhala parti minn dan il-ftehim, is-socjeta' attrici offriet lill-konvenut l-ghazla li jinghata telephone cellulari gdid jew mitejn Ewro (€200.00) fi kreditu, u dan versu l-pattijiet u kundizzjonijiet kontenuti fl-iskrittura msemmija (a fol.10 tal-atti), u s-*subscription order form* (a fol.11 tal-atti).

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici inizjalment iddikjarat illi l-konvenut inghata mobile phone gdid, li kellu valur ta' mitejn Ewro (€200.00), u li ghalhekk l-ammont mitlub f'din il-kawza kien jirraprezenta in kwantu ghal mitejn Ewro (€200.00) bhala l-valur tal-istess *mobile phone*, in kwantu ghal tliet mija tnejn u tmenin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€382.72c) relattivi ghall-uzu tas-servizz, u in kwantu ghal sebgha u tletin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€37.24c) spejjez ta' ittra gudizzjarja li saret fil-konfront tal-konvenut.

Illi minn verifiki li ghamlet l-istess rapprezentant tas-socjeta’ attrici rrizulta illi effettivament il-konvenut ma nghatax mobile phone gdid, izda kien minflok ghazel li jibbenefika mill-kreditu.

Illi l-istess xhud iddikjarat illi s-servizz li s-socjeta’ attrici kienet qieghdha tipprovdi lill-konvenut gie sospiz b’mod definittiv fi Frar 2011, filwaqt illi fl-14 ta’ Dicembru, 2010 kien hemm sospensjoni tas-servizz ta’ *roaming and international service*, ghalkemm seta’ jibqa’ jaghmel u jircievi telefonati, u sussegwentement, fis-27 ta’ Jannar, 2011 ma setax jaghmel aktar telefonati mill-mobile phone tieghu, sakemm eventwalment is-servizz gie mwaqqaf ghal kollox fi Frar 2011.

Illi l-konvenut, da parti tieghu, xehed illi l-ftehim mas-socjeta’ attrici kien sar fil-fergha tal-Marsa, fejn kien ftiehem mar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici illi kellu jhallas erbghin Ewro (€40.00) fix-xahar, filwaqt illi jibbenefika minn mitejn Ewro (€200.00) kreditu, u li dawn kellhom jitnaqqsu mill-kont li seta’ jakkumula maz-zmien. Illi skond l-istess konvenut l-intendiment mar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici kien fis-sens illi dawn il-mitejn Ewro (€200.00) jinqatghu mill-ammont li kien dovut mill-konvenut, u meta dan il-kreditu jigi ezawrit, allura imbaghad il-konvenut jibda jhallas il-kontijiet.

Illi meta rcieva l-ewwel kont, dan ma hallsux, u lanqas ma hallas it-tieni kont; izda f’dak l-istadju ssospendew is-servizz, u wara li avvicina lir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, gie ri-attivat is-servizz minghajr ma kien tenut li jwettaq ebda hlas. Illi ftit taz-zmien wara rega’ rcieva kont iehor, dan rega’ ma hallsux, u gie sospiz mill-gdid is-servizz. Illi sussegwentement, u minhabba li l-istess konvenut ma kienx kuntent bis-servizz li nghata minghand is-socjeta’ attrici, il-konvenut xtara linja ohra ma’ socjeta’ ohra.

Ikkunsidra,

Illi mix-xhieda li nghatat f’dawn il-proceduri jidher illi kien hemm malintiz bejn il-partijiet dwar x’kienu jirraprezentaw

il-mitejn Ewro (€200.00) li l-konvenut kellu jibbenefika minnhom meta ffirma l-iskrittura datata 19 ta' Mejju, 2010, u cioe' jekk kienx 'kreditu' jew 'skont' li kien ser jircievi. Illi f'din l-istess skrittura filwaqt illi fil-korp taghha hemm indikat li l-klijent ghandu jibbenefika minn mitejn Ewro (€200.00) kreditu, imbaghad aktar 'l isfel hemm imnizzel "*Discount on Bill*".

Illi jidher illi l-partijiet taw interpretazzjonijiet differenti lil din il-parti tal-ftehim, in kwantu s-socjeta' attrici jidher illi qed taghti interpretazzjoni fis-sens illi dan l-iskont kellu jidhol fis-sehh wara dekors ta' certu zmien mis-sentejn miftiehma, filwaqt illi l-konvenut fehem illi dan l-ammont kellu jibda jinqata' mill-ewwel mill-konsum li kien qed iwettaq tas-servizz li tipprovdi s-socjeta' attrici, u ghalhekk meta kien qed jircievi l-kontijiet, dawn ma kienx qieghed ihallashom. Illi konsegwenza ta' dan, eventwalment, is-socjeta' attrici ssospendiet u tterminat is-servizz li kienet qieghdha tipprovdi lill-konvenut.

Illi s-socjeta' attrici pprezentat zewg rendikonti dwar l-ammont reklamat f'din il-kawza, wiehed datat 23 ta' Jannar, 2012 (a fol.15 tal-atti), u iehor li gie pprezentat fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2012 (a fol.27 tal-atti). Illi ghalkemm hemm tliet-(3) transazzjonijiet li huma l-istess, u dan fl-ammont ta' sebgha u erbghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€47.74), tnejn u hamsin Ewro u sbatax-il centezmu (€52.17c) u wiehed u tmenien Ewro u seba' centezmi (€81.07c), madanakollu, l-ammonti l-ohra ma jidhirx illi jaqblu. Illi mal-bilanc dovut u rizultanti mir-rendikont a fol.27, ammontanti ghal mitejn u ghaxar Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€210.43c), imbaghad kellu jigi mizjud ukoll l-ammont ta' erbgha u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€54.21c), li jirrizulta mill-fattura a fol.28, liema ammont jirrizulta wkoll fir-rendikont a fol. 15 tal-atti.

Illi skond ir-rendikont li jinsab a fol. 27 tal-atti, l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) li kien ser jibbenefika minnhom il-konvenut fil-fatt bdew jinqatghu mill-ammont dovut minnu, b'dan illi sat-30 ta' Gunju, 2010, dan l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) kien gie ezawrit, u kien anke fadal bilanc

dovut ammontanti ghal disgha u ghoxrin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€29.45c) [tmienja u sebghin Ewro u tmenien centezmu (€78.80c) – disgha u erbghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€49.35c)], li imbaghad kien ser jibda jakkumula ma' konsum li sar fix-xhur ta' wara.
Illi bhala stat ta' fatt irrizulta illi fi Frar 2011, is-servizz li s-socjeta' attrici kienet qieghdha tippresta lill-konvenut gie mwaqqaf ghal kollox, u ghalhekk dan is-servizz gie terminat entro disa'-(9) xhur mid-data tal-ftehim. Illi kien f'dan ir-rigward illi s-socjeta' attrici applikat fil-konfront tal-konvenut penali fl-ammont ta' hamsa u sebghin fil-mija-(75%) tal-mitejn Ewro (€200.00), u dan dejjem a tenur tal-iskrittura datata 19 ta' Mejju, 2010.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta illi kien hemm nuqqas ta' kjarezza dwar il-modalita' ta' hlas applikabbli in rigward il-konsum li kien qed isir mill-konvenut. Illi l-konvenut, da parti tieghu, mhux qed jikkontesta illi kien qed jaghmel uzu regolari mis-servizz li tipprovdi s-socjeta' attrici b'effett minn Mejju 2010 sakemm is-servizz gie terminat. Illi daqstant iehor ma giex ikkontestat il-valur probatorju tal-ftehim li l-konvenut iffirma mas-socjeta' attrici, u in bazi tal-principju *pacta sunt servanda* it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut ghandu jhallas ghas-servizz li pprovdiet is-socjeta' attrici, u ladarba l-ftehim gie terminat qabel ma' skadew is-sentejn, allura ghandha tapplika fil-konfront tieghu l-penali kontemplata fl-istess skrittura, in kwantu ghandu jibbenefika biss minn hamsa u ghoxrin fil-mija-(25%) tal-kreditu/skont li kien intitolat ghalih.

Illi fir-rigward tal-ammont li huwa dovut, u cioe' jekk hux l-ammont ta' hames mija u disgha u sittin Ewro u sitta u disghin centezmu (€569.96), kif mitlub fl-avviz tat-talba debitament ridott, jekk huwiex l-ammont ta' hames mija u tnejn u tletin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€532.72c) [tliet mija u tnejn u tmenien Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€382.72c) + mija u hamsin Ewro (€150.00)] kif jirrizulta mir-rendikont a fol. 15 tal-atti, jew erba' mija u erbatax-il Ewro u erbgha u sittin centezmu (€414.64c) [erbgha mija u ghaxar Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€410.43c) + erbgha u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin

centezmu (€54.21c) – hamsin Ewro (€50.00)] kif jirrizultaw mid-dokumenti a fol.27 u 28 tal-atti, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ammont dovut ghandu jkun dak rizultanti mid-dokumenti a fol.27 *et seq.* tal-atti, ghaliex *ai fine dei conti* d-dokument li jinsab a fol.28 tal-atti huwa dak ir-rendikont, *ossia* fattura, li l-konvenut ikun ircieva minghand is-socjeta' attrici, u li in bazi tieghu kien obbligat li jwettaq il-hlas lis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' *in parte* t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbatax-il Ewro u erbgha u sittin centezmu (€414.64c), bl-imghax mid-data tal-prezenti. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------